**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 24** **13 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju 2021 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.24p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Victor Caruana – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

**24.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 23**

**Is-Sindku John Schembri** talab l-approvazzjoni tal-Minuti 23, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 23 ġew approvati b'mod unanimu.

**24.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.2.1 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-vann il-ġdid inxtara. Il-Kunsillier Victor Caruana talab sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-ħaddiema sabiex ma jħallu imbarazz, la fil-vann u lanqas fil-garaxx tal-Kunsill u ppropona sabiex issir kaxxa tal-ħadid sabiex tintefa' l-għodda fiha. Il-Kunsill approva. Il-Kunsillier Victor Caruana ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ li ssir aktar superviżjoni fuq il-ħaddiema. Is-Sindku John Schembri spjega li hu jkun f'kuntatt dirett mal-ħaddiema kuljum u mhux dejjem ikun possibli li żżommhom, għaliex fl-aħħar mill-aħħar dawn mhumiex ħaddiema tal-Kunsill u dan jirrestrinġi s-setgħa fuqhom.

24.2.2 Is-Sindku John Schembri nfurma li saret laqgħa mal-Perit ta' Infrastruttura Malta dwar il-proġett tal-flyover, fejn jidher li malli jinħarġu l-permessi meħtieġa, se jinbeda x-xogħol b'mod immedjat.

24.2.3 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill se jkun qed japplika għall-iSkema ta' Transport Malta, fejn se jkun qed jerġa' jressaq il-proposta li jinxtara vann sabiex jintuża mir-residenti ta' Ħal Farruġ u mill-anzjani Luqin, sabiex jagħmlu l-qadi tagħhom ta' kuljum

24.2.4 Is-Sindku John Schembri fakkar lill-membri li l-Ħamis 15 ta' Lulju se tinżamm il-ħarġa għall-Għawdex. Inġibdet l-attenzjoni minn xi membri dwar hux sigur li din l-attivita' tinżamm, minħabba li l-każi relatati mal-Covid-19 żdiedu. Is-Sindku nfurma li ġaladarba m'hemmx restrizzjonijiet mid-Dipartiment tas-Saħħa, ma jarax għaliex din il-ħarġa għandha tiġi kkanċellata.

## 24.3 Komunikat lill-kunsilliera

24.3.1 Il-Kunsillier Maria Magri nfurmat li l-membri ġew mistiedna għall-AĠM organizzata mir-Reġjun Nofsinhar, liema laqgħa se tinżamm fl-20 ta' Awwissu f'Villa Blanche Ħal Far.

24.3.2 Il-Kunsillier Maria Magri fakkret li l-Kunsill għad għandu ammont sostanzjali ta' fondi mogħtija mir-Reġjun Nofsinhar, li għadu ma utilizzax jew ġew utilizzati iżda ma tressqitx talba għal rimborż. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed tiġbor l-invoices meħtieġa sabiex jibdew jitressqu l-claims.

24.3.3 Il-Kunsillier Victor Caruana talab li l-Kunsill jikkuntattja lil Andrew Zammit sabiex jieħu ħsieb il-puġġaman fi Triq id-9 t'April.

24.3.4 Il-Kunsillier Victor Caruana talab sabiex il-Kunsill iressaq talba quddiem Transport Malta sabiex jinqata l-Oleander eżistenti quddiem l-airport l-antik.

24.3.5 Il-Kunsillier Victor Caruana talab li tiġi nstallata mera fi Triq il-Karmnu.

24.3.6 Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li mis-17 ta' Lulju se jkun hawn numru ta' inmates mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jagħmlu xogħol fil-komunita'.

## 24.4 Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Ħlasijiet

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju.

Il-Kunsillier Lucia Massa pproponiet dawn il-ħlasijiet.

Il-Kunsillier Victor Caruana ssekonda.

Il-Ħlasijiet ġew approvati b'mod unanimu.

Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 10 ta'Awwissu 2021** fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |